# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 42/2016**

Il-Pulizija

vs

**Mario Vella**

iben Joseph, imwieled Pieta', fit-12 ta' Jannar, 1976, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 143576(M)

Illum il-31 ta' Lulju 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Mario Vella quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Settembru tal-elfejn u ħmistax (2015), ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Għamel lil Alexander Pisani inġurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
2. u talli uża xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fornut minn impriża għal għan li ma kienx dak li kien ġie fornut għalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li kienu maħruġa minn impriża għall-użu kif imiss tan-network jew apparat ta' kommunikazzjonijiet elettroniċi jew inkella użah b'mod mhux kif imiss;
3. u talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra;

4. u fl-aħħar talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamel użu ieħor mhux xieraq bih;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Jannar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat Artikolu 252 u 256 tal-Kap 9, Artikoli 2, 11, 21 u 31 tal-Kap 248 u Artikoli 35(1) (d), 48 u 49 tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat Mario Vella hati u lliberatu mill-akkuzi migjuba kontrih.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fit-3 ta' Frar, 2016 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet, filwaqt illi tħassarha fil-parti fejn illiberatu mit-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet u minflok issib ħtija tagħhom skont il-liġi u tinfliġġi piena li hija fil-parametri tal-liġi rilevanti u adegwata għaċ-ċirkostanzi odjerni.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali u cioe':-

Illi preliminarjament jingħad li għalkemm l-Ewwel Qorti qalet li dawn il-proċeduri nbdew mingħajr il-kwerela ta' Alexander Pisani[1] l-atti proċedurali minn naħa l-oħra jikkonfermaw li sar rapport kemm mas-sezzjoni tas-Cyber Crime kif ukoll fl-għassa tal-belt Valletta. Illi *di piu* għar-reati li jaqaw taħt il-**Kapitolu 399** għajr għar-reati li jaqaw taħt l-artikolu 25, taħt l-**artikolu 48(1)(d)** jew taħt l-**artikolu 49**, ma jinbdewx mingħajr il-kunsens tal-Awtorita' jew fuq talba tagħhom[2]. Illi peress li l-imsemmija mputazzjonijiet meritu tal-appell odjern jaqaw adirittura taħt l-**artikoli 48(1)(d)** u **49** rispettivament allura ma kienx hemm bżonn ta' ebda kunsens. Illi *di piu*, fir-rigward ta' dritt ta' appell l-imsemmi att jistipula li għal dawn it-tip ta' reati, minkejja kull ħaġa li tinsab fil-Kodiċi Kriminali, il-prosekuzzjoni tista' tagħmel appell quddiem il-Qorti kompetenti[3];

[1] Vide paġna 4, l-ewwel vers

[2] vide art. 51(1) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta

[3] vide art. 51(2) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta

Illi a skans ta' kull ekwivoku jingħad li l-appell jitratta t-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet senjatament għal mod kif l-Ewwel Onorabbli Qorti għaddiet biex titratta dawn l-imputazzjonijiet li flimkien mat-tieni (2) imputazzjoni jaqaw kollha taħt il-**Kapitolu 399** u kwindi marbuta mal-apparat ta' komunikazzjoni elettronika. Illi jirriżulta manifestament li meta l-Ewwel Qorti ġiet biex tikkunsidra l-ħtija o meno fir-rigward dawn it-tlett imputazzjonijiet hi trattathom qishom kollha jaqaw taħt l-istess dispożizzjoni tal-imsemmi Kapitolu 399. Illi b'kull dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti ġaladarba ġie kkunsidrat li ma kienx hemm ħtija fit-tieni (2) imputazzjoni ma jfissirx li awtomatikament għandu jsegwi l-istess fiż-żewġ imputazzjonijiet l-oħra li jaqaw taħt dispożizzjoni oħra għalkemm taħt l-istess Kapitolu;

Illi fil-każ odjern ġaladarba ma kienx hemm ħtija fit-tieni (2) imputazzjoni u dana peress li d-diċitura tal-istess artikolu mhijiex adattata u ma tkoprix ir-reat li l-appellat ġie akkużat bih, skont l-umli fehma tal-esponent l-Ewwel Onorabbli Qorti żbaljat fid-deċiżjoni tagħha meta sostniet li *Għalhekk għal dak li jirrigwarda t-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-22 ta' Awwissu 2007 fil-kawża fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Dr. Etienne Calleja (App. 102/2007 JGD)*** *u dik tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-27 ta' Settembru 2007 fil-kawża fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Jesmond Azzopardi (App. 250/2007 JGD)*** *din il-Qorti tqis li tali imputazzjonijiet ma jirriżultawx u m'għandhiex tinsatab ħtija dwarhom.* Illi huwa appuntu hawnhekk fejn l-esponent ma jaqbilx mal-ewwel Qorti għas-sempliċi raġuni li fl-imsemmija sentenzi ta' Appell qatt ma saret referenza għall artikolu li taħtu jaqaw l-imputazzjonijiet tlieta (3) u erbgħa (4) iżda l-Ewwel Qorti xorta waħda għamlet referenza għall-imputazzjonijiet kollha f'daqqa minflok b'mod individwali u jsegwi li l-Qorti żbaljat meta rabtet il-ġurisprudenza relattiva b'mod ġenerali bħallikieku trattat ukoll dwar dawn l-imputazzjonijiet, ħaġa li kienet impossibli li ssir hekk kif ser jiġi spjegat;

Illi b'kull rispett lejn l-ewwel Onorabbli Qorti, għalkemm saret referenza għas-sentenzi ta' appell indikati aktar il-fuq, dawna jittrattaw b'mod intimu l-**artikolu 48(1)(d), ġja 35(1)(d)** u kwindi fl-ebda ħin ma saret referenza għall-**artikolu 49** ġja **35A** li taħtu jaqaw it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet li huma l-meritu tal-appell odjern. Illi l-esponent jiżvela li l-imsemmija sentenzi tal-appell lanqas biss setgħu jittrattaw dwar l-**artikolu 35A**, illum **artikolu 49**, għax appuntu l-**artikolu 35A** ġie ntrodott eżattament wara li ngħataw dawn is-sentenzi. Illi *di fatti* dan l-**artikolu 35A** kien propju miżjud bl-att **XXX tal-elfejn u sebgħa (2007)** li daħal fis-seħħ fil-bidu tal-elfejn u tmienja (2008) jiġifieri xhur wara li ngħataw l-imsemmija appelli u dana joħroġ biċ-ċar kemm l-imsemmi **artikolu 35A** għandu jiġi trattat u interpretat

b'mod indipendenti mill-**artikolu 35** u allura dak kollu li ntqal fis-sentenzi tal-appell u li ġew ikwotati fis-sentenza appellata fir-rigward tal-artikolu 35 żgur li ma jistgħax japplika għal dawn iż-żewġ imputazzjonijiet li appuntu jittrattaw senjatament it-theddid u li jaqaw taħt l-artikolu 35A illum 49;

Illi appuntu ħarsa lejn bran mis-sentenza tal-appell ***Il-Pulizija vs Dr. Etienne Calleja*** li tifforma parti mis-sentenza appellata, senjatament a fol 9 u 10, il-Qorti tal-appell qalet li r-reati li nsibu fl-**artikolu 35, illum l-artikolu 48**, huma reati intiżi biex jolqtu speċifikament it-tħaddim ta' sistemi ta' kommunikazzjonijiet elettroniċi w ma jissemma bl-ebda mod u ma jiċċentra xejn it-theddid jew addirittura xi tip ta' reat ieħor kontemplat f'xi liġi oħra, enfażi tal-esponent. Illi l-esponent ikompli jikkonferma kemm tali interpretazzjoni m'għandix tapplika wkoll għall-**artikolu 49 ġja 35A** propju għax fil-postilla relatata miegħu nsibu l-kliem – Użu ta' apparat ta' kommunikazzjoni elettronika biex isir theddid – fejn *inter alia* dan l-artikolu jinkorpora fih kemm it-theddid u l-malafama. Illi kif appena ndikat, it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet jaqaw propju taħt l-**artikolu 49** u għaldaqstant jingħad x'jingħad fir-rigward tal-**artikolu 48** dana m'għandux japplika l-istess għall-**artikolu 49** u jidher ċar mid-dibattiti parlamentari[4] relattivi li l-**artikolu 35A** ġie miżjud biex propju jiġi pprojbit l-użu ta' xi network biex persuna ddejjaq jew thedded lil ħaddieħor.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-nota responsiva tal-appellat u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

---

4 żur is-sit www.parlament.mt - ir-rapport uffiċjali tal-kumitat permanenti għall-kunsiderazzjoni ta' abbozzi ta' liġi, l-għaxar parliament, laqgħa nru. 117, tat-Tnejn l-għaxra (10) ta' Diċembru tal-elfejn u sebgħa (2007),

Ikkunsidrat,

Illi l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali jirrigwarda biss l-aħħar żewġ akkużi addebitati lill-appellat u dan ghaliex fil-fehma tieghu r-referenzi ġurisprudenzjali li saru mill-Ewwel Qorti jirrigwardaw u japplikaw biss fir-rigward tat-tieni akkuża u ma jestendux għat-tielet u għar-raba akkużi li allavolja jaqghu taħt l-istess liġi, izda għandhom elementi differenti minn dawk tat-tieni akkuża. Jishaq illi s-sentenzi iccitati mill-Ewwel Qorti fil-fatt inghataw ferm qabel l-introduzzjoni tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 li gie fis-sehh fl-2008 u allura l-insenjament tramandat fihom ma seta' qatt jolqot din id-disposizzjoni tal-ligi. Illi fil-fatt dawn iz-zewg imputazzjonijiet mertu tal-appell huma regolati bl-artikolu 49(b) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta li jissanzjonaw l-imgieba ta':

> **49. Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika -**
>
> **(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew**
>
> **(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,**

Illi l-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza minn fejn irrizultalha illi l-pulizija bdew bl-investigazzjonijiet taghhom dwar dan il-kaz meta nhar il-21 ta' Settembru 2015, Alexander Pisani, mexxej tal-Għaqda Patrijotti Maltin, irraporta l-għassa tal-Belt illi kien qed jiġi nġurjat u immalafamat mill-appellant fuq is-sit socjali tal-*Facebook*. Dawn kienu jinkludu allegazzjonijiet li Pisani kien ħalliel apparti l-uzu ta' diskors li ġie interpretat mill-kwerelant bħala theddida li jitfa' "*Molotov Cocktails*" (tip ta' bomba li ghandha l-akohol bhala bazi taghha) lilu u lil shabu waqt laqgħa tal-Għaqda li huwa jmexxi. Il-pulizija kellmu lill-appellat Vella li

saħaq li ma kienx hu l-persuna li tella' dik il-*post* fuq il-*Facebook* skond kif kien qed jiġi allegat. Il-pulizija talbu sabiex jakkwistaw informazzjoni mis-sit socjali tal-*Facebook* kif ukoll mis-scojeta tat-telekomunikazzjoni *Melita* sabiex jaċċertaw li l-kont in kwistjoni kien fil-fatt ighajjat lill-appellant. Sussegwentement il-pulizija ħadu passi kontra l-appellat izda meta ssejħet il-kawża l-parte ċivile naqas milli jattendi u jixhed allavolja debitament notifikat u msejjaħ diversi drabi. L-uffiċjal prosekutur eżebiet xi dokumenti filwaqt li P252 Chantal Bartolo eżebit ir-rapport tal-PIRS skond kif redatt minnha. L-appellat m'offriex it-testimonjanza tiegħu. Konsegwentement, wara li l-ewwel Qorti għamlet referenza għall-ġurisprudenza, kkonkludiet illi r-reati addebitati lill-appellat ma setgħux japplikaw għal każ u ghalhekk ghaddiet sabiex illiberatu minn kull ħtija u piena.

Illi allura minn dawn il-fatti probatorji wahedhom u minghajr ma din il-Qorti toqghod tinoltra ruhha f'kwalunwke ezami ta' gurisprudenza u elementi ta' dritt li isawwru r-reati addebitati lill-appellat fit-tielet u ir-raba akkuzi, ghandu jirrizulta illi ma kienx hemm bizzejjed provi sabiex il-Qorti issejjes is-sejbien ta' htija ghall-ebda reat li dwarhom kien jinsab mixli l-appellat. Dan ghaliex fl-ewwel lok il-persuna li sofriet l-allegata malafama ghalkemm debitament innotifikata qatt ma dehret u offriet it-testimonjanza taghha. Mhux biss izda ghalkemm gew ezebiti diversi fotokopji ta' *posts* li ittiehdu minn fuq is-sit socjali tal-*Facebook* li jidher intestati f'isem l-appellat, madanakollu ma hemm l-ebda konferma la mill-provdituri tas-servizz u wisq anqas mill-pulizija tac-Cyber Crime Unit li allegatament ghamlu l-istahrrig fuq dan il-kaz li dik il-pagna tal-*Facebook* tappartjeni lill-appellat u hija irregistrata fuq ismu. Kwindi tonqos il-prova tan-ness bejn id-diskors allegatament malafamanti u intimidatorju u l-persuna tal-appellat.

Maghdud dan, illum bl-emendi li saru ghall-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 permezz tal-Att XI tal-2018, u senjatament bl-introduzjoni tal-*proviso* ghal dan l-artikolu tal-

ligi, dawn l-fatti probatorji anke jekk ippruvati ma ghadhomx jikkostitwixxi reat taht l-Att.

> "Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att."

Dan fid-dawl tad-definizzjonijiet li hemm imhaddna fil-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta tal-malafama, inġurji, midja, publikazzjoni u xandir:

> "inġurja" tfisser malafama bi stqarrija li tkun intqalet b'malizja bil-fomm;
>
> "malafama" tfisser il-komunikazzjoni ta' kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna u tinkludi l-libell u l-inġurja;
>
> "midja" tinkludi kull forma ta' tixrid ta' ideat, informazzjoni, jew opinjonijiet dwar materja ta' interess pubbliku, lill-pubbliku inġenerali jew lil sezzjoni tal-pubbliku, li tkun taħt il-kontroll editorjali ta' editur;
>
> "midja miktuba" tfisser kull kitba jew stampat, isir b'liema mezz isir, u tinkludi kull kontenut tal-midja miktub li jkun imxerred b'kull mezz kemm jekk permezz ta' pjattaformi elettronici online kif ukoll jekk imxerred b'kull mezz offline mingħajr l-użu ta' pjattaformi elettroniċi u tinkludi kull mezz ieħor li bih kliem jew immaġni viżwali jistgħu jinstemgħu jew jiġu perċepiti;
>
> "pubblikazzjoni" tfisser kwalunkwe att li bih kull midja miktuba tiġi jew tista' tkun komunikata lil jew tinġieb għall-għarfien ta' xi persuni jew li bih kliem jew immaġni viżwali jiġu disseminati;

Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma ghadux jigi hekk ikkunsidrat illum il-gurnata.

Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbazati fuq l-artikolu 7 tal-Kovenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti

hija tal-fehma illi illum ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti bilfors trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza:

> **"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."**[5]

Din il-posizzjoni ġiet riaffermata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014.[6]

Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jidher li kien tal-fehma ukoll li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-proċeduri jew l-effett provenjenti minnhom permezz tas-sentenza li tkun ingħatat, għandhom jieqfu.

> ***"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the***

---

[5] Scoppola vs Italy App.No.12049/03 – 17/09/2009 (Grand Chamber)

[6] *The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.* Ara ukoll Ruban vs Ukraine – 12/07/2016 u Koprivnikar vs Slovenia.

***operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.***

B'hekk illum għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proċeduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qiegħed jitqies illi huwa leżiv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Dan ifisser illi ghalkemm l-Avukat Generali jista' jkollu ragun meta jikkontendi illi l-Ewwel Qorti erronjament ghamlet referenza ghas-sentenzi ta' Calleja u Azzopardi u sejset id-decizjoni taghha fuq l-istess stante illi l-insenjament fihom enkapsulat ma kienx jitkellem dwar l-artikolu 49 tal-Kap.399 li dahal fis-sehh ferm wara li kienu gew moghtija dawn id-decizjonijiet, madanakollu illum il-gurnata l-att vjolatur kif inghad ma ghadux jikkostitwixxi reat taht l-Att. Dan apparti l-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti dwar in-nuqqas ta' provi li hemm fl-atti ghalbiex ikun hemm sejbien ta' htija.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata ghalkemm ghal motivazzjonijiet differenti.

Edwina Grima

Imhallef